MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 333/2008

**D.M. Holdings Limited (C 8404)**

**vs**

**Dr. Tonio Fenech, Dr. Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali ta` l-assenti Steve Orton u Tonio Zarb f`ismu *proprio* kif ukoll in rapprezentanza tad-ditta KPMG**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi din hija procedura ghar-revoka ta` mandat ta` deskrizzjoni mahrug fil-konfront tar-rikorrenti odjerni in relazzjoni ma` dokumenti relatati ma` *"Business Valuation and Division / Restructuring Agreement"* li kienu nkarigati jhejju l-istess rikorrenti odjerni u li dwaru jezistu proceduri li huma pendenti quddiem din il-Qorti.

Ikkunsidrat illi mandat ta` deskrizzjoni jinhareg biex jitqieghed fiz-zgur *"jedd fuq hwejjeg mobbli"*. Il-ligi fl-Art. 839 tal-Kap. 12 tipprovdi illi:

*"Il-mandat ta` deskrizzjoni jista` jinhareg biex iqieghed fiz-zgur jedd fuq hwejjeg mobbli, li, sabiex dak il-jedd jista` jigi ezercitat, ir-rikorrent ikollu interess li dawk il-hwejjeg mobbli jibqghu fil-lok u fl-istat li fih ikunu jinsabu".*

Il-Qorti tinnota illi, ghalkemm dan il-mandat inhareg fir-rigward ta` proceduri pendenti, dawn l-istess proceduri ma jirrigwardawx drittijiet fuq l-istess dokumenti. Id-dokumenti mertu ta` dan il-mandat jistghu eventwalment jingiebu bhala prova fl-istess proceduri. Dan pero` ma jfissirx li *prima facie* l-intimati odjerni ivantaw dritt fuq l-istess dokumenti.

Li jsegwi minn dan kollu hu li rekwizit stabbilit mil-ligi ghall-hrug tal-mandat ma jezistix. L-intimati odjerni jikkontendu illi l-Art. 836 ma jipprovdix ghal din is-sitwazzjoni pero` jipprovdi biss ghal sitwazzjoni ta` bdil ta` cirkostanzi wara li jkun effettivament inhareg il-mandat. Il-Qorti ma taqbilx ma` dan ir-ragunament. Il-massima *"espressio unius est exclusio alterius"* m`hijiex ta` applikazzjoni assoluta u universali u ma jkunx ragonevoli ghalhekk li l-Art. 836(1b) jigi interpretat b`dan il-mod. Fi kliem il-Professur Ganado f`*"Notes on Prolegomena"*.

*"When the law's ratio is wider that the words actually employed, the interpreter may employ widening interpretation by applying the provision to cases which come within the ratio though perhaps not strictly within the wording: ubi eadem est ratio legis, eadem est eius disposition"* (p. 37).

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba kif kontenuta fir-rikors u tirrevoka l-mandat ta` deskrizzjoni Nru. 317/08.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------